# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **18 TA' NOVEMBRU 2018**

**Magħmudija Komunitarja**
Għada l-Ħadd 18 ta' Novembru 2018 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Rosary on the Coast**
Għada l-Ħadd 18 ta' Novembru 2018 fit-3.30pm ser tintalab it-talba tar-Rużarju mal-kosta ta' Malta, fosthom fil-Parroċċa tagħna.

**Intenzjonijiet tal-Quddies**
It-Tnejn 19 ta' Novembru 2018 ser ikollna d-*diary* tal-intenzjonijiet tal-Quddies tas-sena d-dieħla. Jekk jogħġobkom tistgħu tiġu fil-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali.

**Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina**
It-Tnejn 19 ta' Novembru 2018 fis-6:45pm ser issir l-ewwel laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Parrokkjali.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 20 ta' Novembru 2018 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji **fi Triq il-Ħamrija.**

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 22 ta' Novembru 2018 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**L-Assemblea Djoċesana**
Il-Ħamis 22 u l-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2018 ser tiltaqa' l-Assemblea Djoċesana. Mons. Arċisqof ried li f'din l-assemblea issir evalwazzjoni tad-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan. F'din l-Assemblea flimkien mal-Arċisqof, jiltaqgħu rappreżentanti tal-oqsma differenti tal-Knisja f'Malta.

**Għeluq is-Sena Liturġika**
Il-Ħadd 25 ta' Novembru 2018 fil-festa ta' Kristu Re tintemm is-Sena Liturġika tal-Knisja Kattolika. Bħala Parroċċa, fit-tmiem tas-Sena Liturġika nħeġġiġkom sabiex fil-prattika nkunu ġenerużi billi nġibu xi ħaġa tal-ikel fil-qfief apposta fil-knisja quddiem l-ambone b'risq id-Dar Frate Jacoba li qed taqdi l-missjoni tagħha fil-parroċċa tagħna billi toffri mħabba u kenn għal ħutna żgħażagħ li jsibu ruħhom fit-tarf tas-soċjetà. L-oġġetti li ser niġbru nagħtuhom lil din il-komunità nhar il-Ħadd 25 ta' Novembru 2018 fil-quddiesa tad-9:15am li ser titmexxa minn Fr Ray Scicluna OFM, saċerdot fi ħdan din il-komunità.

**Festa ta' Kristu Re**

Il-Ħadd 25 ta' Novembru 2018 hija l-festa ta' Kristu Re. Fil-5:00pm, l-Arċisqof jibda korteo minn fejn il-monument ta' Kristu Re, il-Furjana, li jimxi lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fejn tingħad it-talba tal-Għasar.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 26 ta' Novembru 2018 wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Formazzjoni dwar Mental Health**

Il-Ħamis 29 ta' Novembru 2018 fis-6.30pm il-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa tagħna qed torganizza laqgħa ta' formazzjoni fis-Sala Sant'Anna flimkien mar-Richmond Foundation dwar il-Mental Health. Kulħadd huwa mistieden.

**Quddiesa u Tberik tal-Girlanda tal-Avvent**

Il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2018 fis-6:00pm quddiesa u tberik tal-Girlanda tal-Avvent għall-familjari u t-tfal li ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina f'Ġunju li ġej.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**

Il-Ħadd 2 ta' Diċembru 2018 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-tarbi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**

It-Tnejn 3 ta' Diċembru 2018 fis-6:30pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Ikla tal-Milied**

Il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2018 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied fil-Bella Vista Hotel, il-Qawra. Fit-7:45pm nitilqgħu minn quddiem is-Sala Sant'Anna.

***New Year's Eve Party***

It-Tnejn 31 ta' Diċembru 2018 wara l-quddiesa tas-7:30pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kors ta' Kana bi tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani**

Fil-Parroċċa tagħna l-Kors ta' Kana ser jibda il-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2019. Niltaqgħu nhar ta' Ġimgħa fis-7:30pm fis-Sala Sant'Anna bejn Jannar u Marzu. L-għarajjes interessati għandhom japplikaw billi iċċemplu l-Uffiċċju Parrokkjali (21636704 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali) jew jinkitbu fis-sagristija.

**Għadam tal-lewż ta' Novembru u Torti ta' San Martin**
Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru l-għadam tal-lewż ta' Novembru u Torti ta' San Martin minn fuq iz-zuntier.

**Bazaar**
Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila u b'hekk tkunu qed tgħinu lill-Parroċċa.